# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 28 ta' Novembru 2024**

**Kawza Numru: 7**
**Rikors Guramentat Numru:- 91/2017JVC**

**Jacqueline Fenech**

**vs**

**Mario Borg**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti Jacqueline Fenech li jaqra kif isegwi:

1. 'Illi z-zewg kontendenti huma ulied id-defunti Vincenzo Borg [Karta ta' l-Identita' numru 391629(M)] u Rosaria sive Lucy Borg nee' Abdilla [ Karta ta' l-Identita' numru 752837(M)];

2. Illi l-eredita' tad-decius hija regolata permezz ta' testment unica charta in atti Nutar Nathalie Pace Asciak tad-9 ta' Awissu 1999 [Dok A];

3. Illi fl-istess testment t-testaturi hallew lil xulxin l-usu u l-usufrutt tal-beni kollha taghhom u innominaw u istitwew lil partijiet eredi universali taghhom f'ishma ndaqs bejniethom.

4. Illi l-istess testaturi ghamlu stipulazzjonijiet ohra konsistenti f'diversi prelegati;

5. Illi l-istipulazzjonijiet maghmula a favur l-intimat huma lezivi tad-drittijiet ereditarji tar-rikorrenti fis-sens li jekk dawn kellhom jinghataw effett shih, minkejja li r-rikorrenti hija eredi hija tispicca tircievi inqas minn dak spettanti lilha bhala sehem rizervat;

6. Illi ghalhekk hemm htiega li tsir fost ohrajn riduzzjoni tal-prelegati moghtija sabiex r-rikorrenti tircievi ghallinqas dak spettanti lilha bhala sehem rizervat;

7. Illi minkejja li r-rikorrenti interpellat lill-intimat permezz ta' ittra ufficjali datata 12 ta' Settembru 2016[ Dok B] u minkejja l-isforzi taghha ghal soluzzjoni bonarja bejn il-partijiet, l-intimat baqa' indampjenti;

Ghaldaqstant in vista tal-premess, l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. **T**iddetermina occorendo permezz ta' periti nominandi il-konsistenza tal-massa ereditarja tad-decuius Vincenzo Borg[ Karta ta' l-Identita' numru 391629(M)]u Rosaria

sive Lucy Borg nee' Abdilla [Karta ta' l-Identita' numru 752837(M)];

2. **T**iddikjara u tistabilixxi dak li huwa spettanti lil partijiet bhala sehem rizervat mill-istess assi ereditarji tad-decuius Vincenzo Borg[ Karta ta' l-Identita' numru 391629(M)] u Rosaria sive Lucy Borg nee' Abdilla [Karta ta' l-Identita' numru 752837)];

3. **T**illikwida occorrendo permezz ta' periti nominandi s-sehem rizervat spettanti lill-eredi;

4. **T**ordna r-riduzzjoni tal-legati mhollija mill-istess decuius f'kaz li l-massa ereditarja ma tkunx bizzejjed sabiex jinghata lil kull eredi s-sehem rizervat lilu skond il-ligi;

5. **T**fassal pjan ta' qasma tal-eredita tad-decuius Vincenzo Borg[ Karta ta' l-Identita' numru 752837(M)] u Rosaria sive Lucy Borg nee' Abdilla [Karta ta' l-Identita' numru 752837(M)];

6. **T**ordna d-divizjoni tal-eredita' tad-decuius Vincenzo Borg [ Karta ta' l-Identita' numru 391629(M) u Rosaria sive Lucy Borg nee' Abdilla [Karta ta' l-Identita' numru 752837(M)] skond il-pjan hekk imfassal.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 12 ta' Settembru 2016 ipprezentata kontra l-intimat li huwa minn issa ingunt in subizzjoni u bl-imghax dekorribli skont il-ligi.

B'rizerva ta' kull azzjoni ulterjuri spettanti lir-rikorrenti fil-ligi.'

Rat ir-risposta guramentata ta' l-intimat Mario Borg li taqra kif isegwi:

1. 'Fl-ewwel lok, kwalunkwe talba fejn tirrigwarda l-wirt tal-mejta Rosaria *sive* Lucy Borg nee' Abdilla hija improponibbli kwantu spiccat, hekk kif jiddisponi l-artikolu 845 (1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti huma wkoll ghal kollox improponibbli; dan ghaliex hija ma tistax issa titlob li tircievi s-sehem riservat galadarba kienet ir-rikorrenti stess li ghogobha taccetta l-eredita' tat-testaturi favuriha, kemm tacitament u kif ukoll formalment;

3. Fit-tielet lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, kemm-il darba din l-Onorabbli Qorti thoss li ma ghandhiex tilqa' l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-intimat esponenti, xorta wahda ma hemmx lok li ssir r-riduzzjoni mitluba mir-rikorrenti fir-raba' talba taghha, u dan ghar-ragunijiet li sejrin jirrizultaw tul is-smigh tal-kawza;

4. Fir-raba' lok, u strettament minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, kemm-il darba din l-Onorabbli Qorti thoss li ma ghandhiex tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-intimat esponenti, ikun jehtieg illi f'kull kaz, il-legati mhollija lill-esponenti intimat jitqiesu bhala legati renumeratorji, hekk ukoll allura fin-natura u l-parametri mahsuba, inter alia, mill-artikolu 620 (2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u billi jitnaqqsu wkoll id-djun l-ohra tal-assi u l-ispejjez tal-funerali, kif ukoll dak kollu diga' mehud mir-rikorrenti minghand it-testaturi, kemm f'hajjithom u  kif ukoll wara l-mewt taghhom; dan

*occorrendo*, fost l-ohrajn, b'applikazzjoni tal-artikoli 615, 620 (2), 620 (4), 620(5), u 621 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Fir-raba' lok, it-talbiet rikorrenti huma mill-bqija infondati fil-fatt u fid-dritt;

Bl-ispejjez u imghaxijiet (fejn dovuti) kontra r-rikorrenti, u b'riserva li l-esponenti jressaq kull eccezzjoni ulterjuri illi jista' jkun awtorizzat iressaq skont il-ligi, u minghajr pregudizzju ghal kull jedd tal-esponenti fil-konfront tar-rikorrenti.

**DIKJARAZZJONI** ta' Mario Borg (K.I. nru. 483669(M)), permezz ta' liema jiddikjara u jikkonferma bil-gurament tieghu ILLI:

1. L-esponenti qieghed, f'dan l-istadju, jirriserva l-posizzjoni tieghu dwar il-qbil o meno tieghu mal-premessi migjuba fir-rikors guramentat;

2. Dwar l-ewwel (1) eccezzjoni, jinghad illi kwalunkwe talba fejn tirrigwardja l-wirt tal-mejta Rosaria sive Lucy Borg nee' Abdilla hija improponibbli kwantu spiccat, hekk kif jiddisponi l-artikolu 845 (1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Dwar it-tieni (2) eccezzjoni, jinghad minghajr pregudizzju ghas-suespost illi t-talbiet tar-rikorrenti huma wkoll ghal kollox improponibbli; dan ghaliex hija ma tistax issa titlob li tircievi s-sehem riservat galadarba kienet ir-rikorrenti stess illi ghogobha taccetta l-eredita' tat-testaturi favuriha, kemm tacitament u kif ukoll formalment;

4. Dwar it-tielet (3) eccezzjoni, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jinghad illi kemm-il darba din l-Onorabbli Qorti

thoss li ma ghandhiex tilqa' tilqa' l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-intimat esponenti, xorta wahda ma hemmx lok li ssir r-riduzzjoni mitluba mir-rikorrenti fir-raba' talba taghha, u dan ghar-ragunijiet li sejrin jirrizultaw tul is-smigh tal-kawza;

5. Dwar ir-raba' (4) eccezzjoni, u strettament minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, kemm-il darba din l-Onorabbli Qorti thoss li ma ghandhiex tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-intimat esponenti, ikun jehtieg illi f'kull kaz, il-legati mhollija lill-esponenti intimat jitqiesu bhala legati renumeratorji, hekk ukoll allura fin-natura u l-parametri mahsuba, inter alia, mill-artikolu 620 (2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u billi jitnaqqsu wkoll id-djun l-ohra tal-assi u l-ispejjez tal-funerali, kif ukoll dak kollu diga' mehud mir-rikorrenti minghand t-testaturi, kemm f'hajjithom u kif wkoll wara l-mewt taghhom; dan occorrendo, fost l-ohrajn, b'applikazzjoni tal-artikoli 615, 620 (2), 620 (4), 620 (5), u 621 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. L-esponenti jaf b'dawn il-fatti personalment;

Bl-ispejjez u imghaxijiet (fejn dovuti) kontra r-rikorrenti, u b'riserva li l-esponenti jressaq kull eccezzjoni ulterjuri illi jista' jkun awtorizzat iressaq skont il-ligi, u minghajr pregudizzju ghal kull jedd tal-esponenti fil-konfront tar-rikorrenti.'

Rat l-affidavits, xhieda, testment, dikjarazzjonijiet *causa mortis*, dikjarazzjonijiet *causa mortis* addizzjonali, ittri ufficjali, stima, certifikati tal-mewt, ricevuta, kopja ta' licenzja, okkorrenza, ritratti, cedoli ta' depositu, kontro-ezamijiet, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal tat-2 ta' Marzu, 2017 Dr. Franco Galea ghar-rikorrenti ddikjara li in vista tal-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimat talab id-divizjoni tal-eredita' taz-zewg genituri tal-kontendenti, li jista' jkun hemm lok ta' riduzzjoni tal-legati;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti Jacqueline Fenech intavolat nhar id-29 ta' Awwissu, 2018 fejn permezz tieghu talbet sabiex il-Qorti joghgobha tahtar Accountant kwalifikat ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex wara li jezamina l-kotba tan-negozju, illum gestit mill-intimat Mario Borg jistabbilixxi valur tal-legat mholli lill-intimat permezz tal-ahhar testment tal-genituri tal-partijiet u dan taht dawk il-provvedimenti li din il-Qorti jidhrilha xieraq u opportun, rat ir-risposta tal-intimat Mario Borg intavolata nhar it-8 ta' Ottubru 2018, u rat id-digriet tal-Qorti kif diversament preseduta datat 5 ta' Dicembru, 2018 fejn il-Qorti laqghet it-talba tar-rikorrenti u nnominat lill-Accountant Mark Bugeja u/jew Grant Thornton Auditors sabiex jaghmel stima tan-negozju u avvjament tal-attivita' kummercjali ta' sprayer maghruf bhala Borg Brothers fi Triq Bondin, Msida u dan fit-2 ta' Frar 2000 kif soggett ghall-obbligu ta' hlas tal-ammont ta' Lm240 fis-sena sat-13 ta' Novembru 2015 u minn dakinhar, kif soggett ghall-obbligu personali impost fuq l-intimat Mario Borg li jhallas Lm 240 fis-sena sakemm jibqa' jiggestixxi n-negozju hu;

Rat illi fil-verbal tat-28 ta' Mejju, 2019 billi l-esperti nominati bid-digriet tal-5 ta' Dicembru, 2018 kienu ghadhom ma bdewx l-inkarigu taghhom, il-Qorti kif diversament preseduta ghaddiet sabiex itterminat l-istess inkarigu u ssostitwiethom bl-Awditur David Pace (UHY Malta) bl-istess jeddijiet u bl-istess inkarigu;

Rat in-nota tal-Awditur David Pace u rat li fil-verbal tas-27 ta' Gunju, 2019 il-Qorti kif diversament preseduta rrevokatlu l-inkarigu u bi qbil mad-difensuri tal-partijiet hatret minfloku lill-Awditur Raymond Vella bl-istess inkarigu skont id-digriet tal-5 ta' Dicembru 2018;

Rat id-digriet tal-Qorti datat 20 ta' Novembru, 2019 fejn wara li rat il-korrispondenza mibghuta mill-istess Awditur li permezz taghha informa lill-Qorti li ma jistax jaccetta l-inkarigu minhabba kunflitt ta' interess rrevokat l-inkarigu tal-Awditur Raymond Vella u minflok hatret lill-Awditur Paul Mifsud sabiex jirrelata dwar l-istess kif mitlub fid-digriet tal-5 ta' Dicembru, 2018;

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku fl-accounts Paul Mifsud CPA pprezentat fl-atti nhar il-11 ta' Jannar, 2022 u mahlufa nhar it-3 ta' Mejju, 2022 a fol. 346 et seq tal-process;

Rat illi fil-verbal datat 31 ta' Ottubru, 2023 il-kawza giet differita ghallum ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi z-zewg kontendenti r-rikorrenti Jacqueline Fenech u l-intimat Mario Borg huma ahwa wlied il-mejtin Vincenzo Borg u martu Rosaria sive Lucy Borg xebba Abdilla.

Illi permezz tal-kawza odjerna r-rikorrenti Jacqueline Fenech qeghda titlob li l-Qorti tiddetermina okkorrendo permezz ta' periti nominandi l-konsistenza tal-massa ereditarja tal-genituri taghha Vincenzo u Rosaria sive Lucy konjugi Borg. Talbet li jigi dikjarat u stabbilit dak li huwa spettanti lill-partijiet bhala sehem riservat mill-istess assi ereditarji tal-mejta genituri taghhom Vincenzo u Rosaria sive Lucy konjugi Borg u tillikwida okkorrendo permezz ta' periti nominandi s-sehem riservat spettanti lill-eredi. Ir-rikorrenti Jacqueline Fenech talbet ukoll sabiex il-Qorti tordna r-riduzzjoni tal-legati mhollija mill-istess decujus f'kaz li l-massa ereditarja ma tkunx bizzejjed sabiex jinghata lil kull eredi s-sehem riservat lilu skont il-ligi. Talbet ukoll sabiex il-Qorti tfassal pjan ta' qasma tal-eredita' tal-mejta genituri taghha Vincenzo u Rosaria sive Lucy konjugi Borg. Finalment ir-rikorrenti talbet sabiex jigi ordnat id-divizjoni tal-eredita' tal-mejtin genituri taghha Vincenzo u Rosaria sive Lucy konjugi Borg skont il-pjan hekk imfassal.

Illi l-intimat Mario Borg laqa' ghal din il-kawza permezz ta' risposta guramentata ntavolata nhar it-23 ta' Frar, 2017 (fol. 25) fejn fl-ewwel lok eccepixxa li kwalunkwe talba fejn tirrigwarda l-wirt tal-mejta ommhom Rosaria sive Lucy Borg hija mproponibbli kwantu spiccat hekk kif jiddisponi l-Artikolu 845 sub-artikolu 1 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Fit-tieni lok eccepixxa li t-talbiet tar-rikorrenti huma wkoll ghal kollox improponibbli ghaliex hija ma tistax issa titlob li tircievi s-sehem riservat gjaladarba kienet ir-rikorrenti stess li ghogobha taccetta l-eredita' tat-testaturi favoriha, kemm tacitament, kif ukoll formalment. Fit-tielet lok, l-intimat Borg eccepixxa li kemm-il darba din l-Qorti thoss li ma ghandhiex tilqa' l-ewwel zewg eccezzjonijiet, xorta wahda m'hemmx lok li ssir ir-riduzzjoni mitluba mir-rikorrenti fir-raba' talba taghha, u dan ghar-ragunijiet li jirrizultaw tul is-smiegh tal-kawza. L-intimat fir-raba' lok

eccepixxa dejjem minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, li kemm-il darba l-Qorti thoss li m'ghandhiex tilqa' l-ewwel eccezzjoni, jkun jehtieg illi f'kull kaz il-legati mhollija lilu jitqiesu bhala legati remuneratorji, hekk ukoll allura fin-natura u l-parametri mahsuba *inter alia* mill-Artikolu 620(2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u billi jitnaqqsu wkoll id-djun l-ohra tal-assi u l-ispejjez tal-funerali, kemm f'hajjithom, u kif ukoll wara l-mewt taghhom, dan okkorrendo fost l-ohrajn b'applikazzjoni tal-Artikoli 615, 620 (2), (4) u (5), u l-Artikolu 621 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Imbaghad bhala l-ahhar eccezzjoni fir-raba' lok eccepixxa li t-talbiet tar-rikorrenti huma mill-bqija nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Illi Vincenzo Borg gie nieqes fit-13 ta' Novembru 2015, filwaqt li Rosaria sive Lucy Borg giet nieqsa fit-2 ta' Frar, 2000 (ara certifikat tal-mewt a fol. 438 tal-process). L-eredita' tal-konjugi Borg hija regolata b'testment *unica charta* datat 9 ta' Awwissu, 1999 fl-atti tan-Nutar Nathalie Pace Asciak (ara testment a fol. 6 et seq tal-process). B'dan it-testment *unica charta* l-konjugi Borg fost affarijiet ohra hallew l-uzu u l-uzufrutt tal-beni kollha taghhom lil xulxin bl-ezenzjoni tal-formazzjoni tal-inventarju u tal-kawzjoni rikjesti mill-ligi. Il-konjugi Borg hallew ukoll diversi prelegati konsegwibbli wara mewthom fosthom lir-rikorrenti Jacqueline Fenech hallewlha prelegat tal-magna tal-hjata tal-marka 'singer', kif ukoll l-oggetti tad-deheb kollha li normalment kienu ta' uzu personali ghat-testatrici Rosaria sive Lucy Borg minbarra l-gizirana l-mibruma, liema gizirana thalliet b'titolu ta' prelegat lill-intimat binhom Mario Borg. Il-konjugi Borg hallew ukoll b'titolu ta' prelegat konsegwibbli wara mewthom lill-intimat binhom Mario Borg id-deheb kollu li normalment kien ta' uzu personali ghat-testatur minhabba l-brazzuletta tad-deheb liema brazzuletta thalliet b'titolu ta' prelegat lil binthom Jacqueline Fenech mart

Raymond Fenech. Hallew ukoll b'titolu ta' prelegat konsegwibbli wara l-mewt ta' wiehed minnhom lill-intimat Mario Borg in-negozju u avvjament ta' sprayer maghruf bhala "Borg Brothers" fi Triq Bordin, Msida. Dan il-prelegat thalla bil-patt u l-kundizzjoni li binhom l-intimat Mario Borg ikun obbligat li jhallas is-somma ta' mitejn u erbghin lira Maltin (Lm 240) fis-sena tul hajjet is-superstiti fosthom. Wara li jigi nieqes l-ahhar wiehed minnhom fost it-testaturi, l-intimat Mario Borg huwa obbligat li jhallas l-istess somma lil ohtu r-rikorrenti Jacqueline Fenech. Dan l-obbligu jibqa' isehh sakemm in-negozju fuq imsemmi jibqa' gestit minn binhom, Mario. Finalment il-konjugi Borg innominaw u istitwew bhala eredi universali taghhom f'ishma ndaqs bejniethom lil uliedhom Jacqueline Fenech mart Raymond Fenech u Mario ahwa Borg bis-sostituzzjoni ta' uliedhom f'kaz ta' premorienza u in mankanza tal-ulied bid-dritt tal-akkrexximent bejniethom.

**<u>L-ewwel eccezzjoni tal-intimat Mario Borg:</u>**

Illi permezz ta' l-ewwel eccezzjoni tieghu l-intimat Mario Borg eccepixxa li kwalunkwe talba fejn tirrigwarda l-wirt tal-mejta Rosaria sive Lucy Borg hija mproponibbli kwantu spiccat hekk kif jiddisponi l-Artikolu 845(1) tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi minn harsa lejn it-talbiet tar-rikorrenti Jacqueline Fenech jirrizulta li hija talbet fost affarijiet ohra li l-Qorti tillikwida okkorrendo permezz ta' periti nominandi s-sehem riservat spettanti lill-eredi, u fl-eventwalita' li ma jkunx hemm bizzejjed x'jinghata lil eredi bhala sehem riservat talbet li jigi ordnat ir-riduzzjoni tal-legati. Imbaghad talbet ukoll li jigi mfassal pjan ta' qasma tal-eredita' tad-decujus Vincenzo u Rosaria sive Lucy Borg

u konsegwentement tordna d-divizjoni tal-eredita' tal-imsemmija konjugi Borg.

Illi jirrizulta ghalhekk li t-talbiet tar-rikorrenti jirrelataw ma' (i) sehem riservat, u (ii) divizjoni tal-assi ereditarji tal-mejta Vincenzo u Rosaria sive Lucy Borg. Il-Qorti f'dan l-istadju m'hijiex ser tidhol fil-kwistjoni jekk jistax jintalab is-sehem riservat tad-decujus u fl-istess hin il-qasma tal-assi ereditarji taghhom stess. Pero' ser tinvestiga unikament l-eccezzjoni tal-intimat Mario Borg u cioe' jekk l-azzjoni fejn relatata ma' Rosaria sive Lucy Borg hijiex wahda perenta bid-dekors tal-ghaxar (10) snin kif jiddisponi l-Artikolu 845 sub-artikolu 1 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi jibda billi jigi nnutat li fil-verbal tat-2 ta' Marzu, 2017 a fol. 30 tal-process Dr Franco Galea ghar-rikorrenti ddikjara li invista tal-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimat, ir-rikorrenti qed titlob id-divizjoni tal-eredita' taz-zewg genituri tal-kontendenti li jista' jkun hemm lok ta' riduzzjoni tal-legati. B'din id-dikjarazzjoni huwa car li r-rikorrenti llimitat it-talbiet taghha ghad-divizjoni u mhux ukoll ghas-sehem riservat. Ghalkemm il-Qorti xorta tinnota li fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha r-rikorrenti Jacqueline Fenech xorta tibqa' taccenna ghad-dritt taghha tas-sehem riservat u r-riduzzjoni tal-legati. Referenza partikolari ssir ghal paragrafu 52 tan-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti fejn tghid illi '... *jekk wiehed jara l-valur tal-imsemmi prelegat hi se ssib ruhha f'sitwazzjoni li tirrendiha li ma ghandiex bizzejjed sabiex tiehu l-legittima li hija ntitolata ghaliha skont il-ligi.'*.

Ghalhekk il-Qorti ghalkemm m'hijiex obbligata tezamina l-kwistjoni tas-sehem riservat relatat mal-assi ereditarji ta' Rosaria sive Lucy Borg, in vista tal-inkonsistenza da parti tar-rikorrenti,

xorta ser tinvestiga l-istess fid-dawl tal-Artikolu 845 sub-artikolu 1 tal-Kodici Civili.

Illi l-Artikolu 845 sub-artikolu 1 tal-Kodici Civili jiddisponi illi:

> '845. (1) L-azzjoni biex jintalab wirt, jew legat, jew is-sehem riżervat, sew fis-suċċessjonijiet b'testment kemm ukoll f'dawk *ab intestato*, tispiċċa bl-egħluq ta' għaxar snin mill-ftuħ tas-suċċessjoni.'

Fir-rigward kwalunkwe sehem riservat rikjest mir-rikorrenti mill-assi ereditarji tal-mejta ommha Rosaria sive Lucy Borg, mill-atti jirrizulta li Rosaria Borg giet nieqsa fit-2 ta' Frar, 2000 (ara certifikat tal-mewt a fol. 438 tal-process). Mill-atti jirrizulta li l-unici ittri ufficjali li ntbghatu kienu:

(i) Ittra ufficjali datata 12 ta' Settembru, 2016 a fol. 10 tal-process mibghuta mir-rikorrenti Jacqueline Fenech lill-intimat Mario Borg li hija relatata prattikament mal-eredita' u sehem riservat fuq il-beni tal-mejjet missierha Vincenzo Borg u mhux fuq ta' ommha Rosaria sive Lucy Borg; u

(ii) Ittra ufficjali datata 11 ta' April, 2018 a fol. 394 tal-process mibghuta mill-intimat Mario Borg lir-rikorrenti Jacqueline Fenech fejn permezz taghha interpellaha sabiex tersaq ghall-likwidazzjoni u l-konsegwenti hlas b'kumpens ghas-servizzi mwettqa minnu mal-mejjet missieru Vincenzo Borg, kif ukoll l-ispejjez kollha li huwa nefaq ghall-istess.

Illi ghalhekk iz-zewg ittri ufficjali m'humiex relatati mal-hlas u likwidazzjoni tas-sehem riservat dovut lir-rikorrenti fir-rigward l-assi tal-mejta ommha Rosaria sive Lucy Borg. Ukoll minn harsa lejn id-data meta gew ipprezentati l-ittri huwa car li z-zewg ittri ufficjali jmorru ferm oltre l-ghaxar (10) snin perjodu ta' preskrizzjoni tal-azzjoni ghat-talba ta' sehem riservat li bdew jiddekorru mid-data tal-ftuh tas-successjoni u cioe' mit-2 ta' Frar, 2000. Ghaldaqstant fir-rigward kwalunkwe talba ghal hlas tas-sehem riservat fuq l-eredita' ta' Rosaria sive Lucy Borg illum din hija perenta.

Illi dwar l-improponibilita' tal-azzjoni ghat-talba tal-wirt ta' Rosaria sive Lucy Borg fit termini tas-sub-artikolu 1 tal-Artikolu 845 tal-Kodici Civili billi l-intimat isostn kellu jintalab fi zmien ghaxar (10) snin mill-ftuh tas-successjonim, kif inhu risaput, biex tirnexxi l-eccezzjoni msemmija ai termini tal-Artikolu 845 tal-Kodici Civili jrid jintwera li min ikun gie mfittex biex irodd il-haga mhollija b'wirt, irid ikun zamm pussess shih tal-haga mitluba daqs li kienu kienet tieghu (animo domini) ghaz-zmien kollu preskrittiv.[1] Fid-decizjoni fl-ismijiet **Albert Camilleri -vs- John Camilleri et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar il-5 ta' Ottubru, 1995 gie ritenut illi:

> 'Pussess li jrid jigi pruvat minn min jaghti l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghaliex huwa jrid jipprova mhux biss li l-azzjoni giet perenta bil-perkors taz-zmien imma wkoll illi hu bil-pussess tieghu li jrid ikollu l-elementi kollha biex jikkwalifikah bhala pussess 'uti dominus' fil-fatt akkwista l-proprjeta' tramite l-istess preskrizzjoni. Preskrizzjoni decennali li tirrikjedi wkoll bhala element kostituttiv taghha

[1] Ara decizjoni fl-ismijiet **Erminia Vassallo et -vs- Lilian Claire Miceli** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' Gunju, 2015.

l-buona fede'.

Fil-kaz odjern l-intimat Mario Borg fl-affidavit tieghu a fol. 362 et seq tal-process jistqarr li huwa kien qieghed izomm il-garaxx ai termini tat-tmien artikolu tat-testment *unica charta* tal-genituri tieghu datat 9 ta' Awwissu, 1999 fl-atti tan-Nutar Nathalie Pace Asciak (ara testment a fol. 6 et seq tal-process). Jghid illi:

> 'Nghid illi b'referenza ghal dan il-garaxx u n-negozju li nahdem minn go fih, nghid illi il-qbil mal-genituri, sa minn hafna qabel ma gew neqsin, u kif ikkonfermat fit-testment taghhom, kien illi jiena nibqa' nahdem minn go fih, u li galadarba umbghad ma nibqax nahdem, jien u ohti inbieghu il-garaxx u r-rikavat jinqasam bejnietna. Sakemm jigri dan, kelli nhallas somma lill-genitur li jkun ghadu haj, u galadarba t-tnejn jigu neqsin, tali pagamenti kelli nibqa' nghaddihom lill-ohti. L-ammont li l-genituri kienu qablu fuqu, kien dak ta' mitejn u erbghin liri Maltin (LM240.00) fis-sena;'.

Illi huwa car minn tali dikjarazzjoni tal-intimat Mario Borg illi ghalkemm kien ilu jzomm f'idejh il-garaxx ghal numru sew ta' snin, dan ma kienx qieghed jaghmlu bhala sid tal-garaxx bl-animu li kien tieghu. Ghalhekk l-intimat Borg ma' jista qatt jressaq favorih l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni decennali ai termini tal-Artikolu 845 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi sabiex tichad in parte din l-ewwel eccezzjoni tal-intimat Mario Borg.

**<u>It-tieni eccezzjoni tal-intimat Mario Borg:</u>**

Illi permezz tat-tieni eccezzjoni tieghu l-intimat Mario Borg jeccepixxi li t-talbiet tar-rikorrenti huma wkoll ghal kollox improponibbli ghaliex ir-rikorrenti ma tistax issa titlob li tircievi s-

sehem riservat gjaladarba kienet hi stess li ghogobha taccetta l-eredita′ tat-testaturi favuriha, kemm tacitament u kif ukoll formalment.

Illi f′dan l-istadju l-Qorti ser terga taghmel referenza ghad-dikjarazzjoni ta′ Dr Franco Galea ghan-nom tar-rikorrenti fil-verbal tat-2 ta′ Marzu, 2017 (fol. 30) fejn in vista tal-ewwel eccezzjoni talbet id-divizjoni tal-eredita′ taz-zewg genituri tal-kontendenti li jista′ jkun hemm lok ta′ riduzzjoni tal-legati. Madanakollu ghalkemm b′din id-dikjarazzjoni huwa car li r-rikorrenti llimitat it-talbiet taghha ghad-divizjoni, fil-fehma tal-Qorti huwa utli li jigi ezaminat jekk huwiex minnu jew le li r-rikorrenti accettat il-wirt kemm tacitament, kif ukoll formalment, dan ghaliex ghalkemm ir-rikorrenti resqet tali dikjarazzjoni, hija xorta taccenna ghas-sehem riservat u r-riduzzjoni tal-legati fin-nota ta′ sottomissjonijiet taghha. Il-Qorti izda ser tillimita l-investigazzjoni taghha ghas-sehem riservat fuq l-assi ereditarji tal-mejjet missierha Vincenzo Borg stante li s-sehem riservat tal-omm gja gie trattat fl-ewwel eccezzjoni.

Illi dwar l-accettazzjoni ta′ wirt jitkellem l-Artikolu 850 tal-Kodici Civili Kap 16 tal-Ligijiet ta′ Malta li jiddisponi illi:

> ‘850. (1) L-aċċettazzjoni tista′ tkun espressa inkella taċita.
>
> (2) Hija espressa, meta wieħed jieħu l-kwalità ta′ werriet f′att pubbliku jew f′kitba privata.
>
> (3) Hija taċita, meta l-werriet jagħmel xi att li bilfors ifisser li huwa ried jaċċetta l-wirt, u li ma kienx ikollu l-jedd jagħmel jekk mhux bħala werriet.′

Dwar accettazzjoni tacita l-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni fl-ismijiet **Lorenza Cauchi -vs- Carmelo Cilia et** deciza nhar it-30 ta' Settembru, 1985 qalet illi:

'*Di diritto* ghandu jinghad li l-artikolu 891 (3) tal-Kodici Civili jipprovdi li hemm accettazzjoni tacita meta l-eredi jaghmel atti li jissupponu necessarjament il-volontà tieghu li jaccetta l-eredità, liema atti ma kienx ikollu d-dritt li jaghmel jekk mhux fil-kwalità ta' eredi;

Fuq decizjoni in re '**Amadeo Mea et vs Albert Borg et** tat-28 ta' Gunju, 1952 (Prim'Awla Civili) intqal li biex tirrikorri din l-accettazzjoni, jehtieg:

(a) li jkun hemm successibbili;
(b) li dana s-successibbili jkollu l-intenzjoni li jaccetta l-eredità;
(c) li huwa jaghmel xi att li jista' jaghmel biss bhala werriet; u
(d) li minn dan l-att tidher necessarjament il-volontà tieghu li jaccetta l-wirt;

Fost dawn ir-rekwiziti l-aqwa wahda hija l-intenzjoni. Jghid ir-Ricci, '*si ha riguardo piu' alla volontà dalla quale l'atto procede, che all'atto stesso materialmente considerato*' (ara Diritto Civile Vol. 14 paragrafu 35) in re: **Azzopardi vs Mallia** (Qorti ta' l-Appell, 6 ta' Novembru, 1916) gie insejat inoltre:

'*che l'atto da cui voglia inferire l'accettazione debba essere tale da supporre, non solo certamente, ma necessariamente, la volontà di accettare*';'.

Illi r-rikorrenti Jacqueline Fenech fl-affidavit taghha a fol. 33 et seq tal-process, kif ukoll in kontro-ezami fis-seduta tal-16 ta' Mejju, 2023 a fol. 445 et seq tal-process tiddikjara li hija gja hadet xi oggetti u flus mill-wirt tal-genituri taghha. In kontro-ezami tixhed:

'Dr Axl Camilleri: Ezattament. Mela ejja nibdew minn hawnhekk. Ha nibda naghmel referenza ghat-testment li inti prezentajt ukoll flimkien mar-rikors tieghek; it-testment tal-papa illi kien l-istess testment tal-mama wkoll, sewwa? Fil-hames (5) artikolu ta' dan it-testment, sewwa, l-papa meta gie nieqes hallielek prelegat; il-magna tal-hjata per ezempju. Dik il-magna tal-hjata inti tiftakar jekk kontx hadtha jew le?

Xhud: Iva kienu tawili ehe, ghax kienu jghidulna li l-magna tal-hjata u d-deheb meta jigu nieqsa ommi kienu ha jghidulna, pero meta kont naf bit-testment ezatt, meta qratulna wara li miet missieri.

…

Dr Franco Galea: Mistoqsija semplici Jacqueline, hadtx il-magra tal-hjata fizikament?

Xhud: Iva hadtha.

…

Dr Axl Camilleri: … Issa fit-testment hemm referenza wkoll ghal brazzuletta tad-deheb ta' missierek per ezempju, dik ha tiftakar tehodha inti wkoll?

Xhud: Dika kien gie biha?

Dr Franco Galea: Gie biha min?

Dr Axl Camilleri: Gie biha min? Min gie biha?

Xhud: Mario.

…

Xhud: U meta gie biha, jiena ghidtlu, ghidtlu 'Dik' ghidtlu 'Jien biex inbieghha ghidtlu 'Trid immorru ghand tad-deheb jistmawilna, jaraw kemm u tixtriha inti u tista zzommha?' u ma riedx.

Dr Axl Camilleri: Ok. Issa qed tghid tahielek Mario, pero Maria ghaliex tahielek, taf?

Xhud: Ghax kien hemm miktub fit-testment.

Dr Axl Camilleri: Ghax kien hemm miktub fit-testment. Id-deheb tal-mama, minbarra l-gizirana l-mibruma, tiftakar tehodhom ukoll?

Xhud: Iva, dak meta kienu gew bil-karti tal-causa mortis kienu gabuli missieri u hija d-deheb,

…

Dr Axl Camilleri: Ok, ok. Issa, kien hemm kontijiet tal-bank tal-, ejja nghidu meta gie nieqes il-papa issa, halli ma mmorrux ghoxrin (20) sena tal-mama. Meta gie nieqes il-papa, kien hemm kontijiet f'ismu?

Xhud: Iwa kien hemm tal-HSBC,

Dr Axl Camilleri: ok.

Xhud: U tal-BOV. Dak jista jghidlek hija ghax f'idejh kienu l-affarijiet.

Dr Axl Camilleri: Ok. U tiftakar tiehu flus flimkien ma' Mario ta' xi wiehed minn dawk il-kontijiet?

Xhud: Tal-HSBC.

Dr Axl Camilleri: Tal-HSBC.

Xhud: Ghandek miktub fuq l-affidavit.

Dr Axl Camilleri: Tajjeb.

Xhud: U konna, kemm ha hu, hadt jiena.

Dr Axl Camilleri: Ezattament. U tal-BOV x'kontu ghamiltu?

Xhud: Tal-BOV, daka fuq parir tal-avukat ma hadthomx.

| | |
|---|---|
| Dr Axl Camilleri: | Ma hadthomx. Ghadhom hemm jigifieri? |
| Xhud: | Iva. |
| Dr Axl Camilleri: | Ok. Issa, kien hemm per ezempju xi cash illi hallielkom missierkom u li hadthom inthom ukoll? |
| Xhud: | Iva ehe kien hemm. Kemm ha hu hadt jiena. |
| Dr Axl Camilleri: | Kemm ha hu hadt inti, ok. Jigifieri dawn l-affarijiet kollha hadthom inti wara li … … …? |
| Xhud: | Ijja. |
| Qorti: | Kemm kien hemm cash Sinjura? |
| Xhud: | Xi sitt elef (6,000), kif qal hu. |
| | … |
| Qorti: | U tal-HSBC qsamtu hux hekk ghidtli? |
| Xhud: | Iva. |
| Qorti: | Kemm kien hemm HSBC? |
| Xhud: | Ma nafx. |
| Qorti: | Bejn wiehed u iehor? |

| | |
|---|---|
| Xhud: | Ha, fuq l-affidavit, hawn ara, l-HSBC hawn ara tliet elef (3,000). Minuta. Elfejn four hundred u seventy-three Euros (€2,473).'. |

Illi minn din ix-xhieda tar-rikorrenti huwa car li da parti taghha kien hemm l'accettazzjoni tal-wirt u li tali accettazzjoni saret b'mod konxju. Il-Qorti tinnota wkoll li mill-mod kif inhi mfassla l-kawza, u anke mid-deposizzjonijiet moghtija mir-rikorrenti hija m'hijiex certa x'azzjoni trid tiehu billi tindika li trid tibbenefika mill-istitut tal-porzjon riservat u fl-istess hin trid li tiehu l-beneficcji kollha derivanti mill-eredita' tal-genitur taghha – haga li legalment hija mpossibli. Illi gialadarba rrizulta li r-rikorrenti hadet oggetti mill-wirt ta' missierha dan ifisser li hija accettat il-wirt ta' missierha Vincenzo Borg u ghalhekk ma jistax jintalab is-sehem riservat fuq il-wirt tieghu. Ghaldaqstant il-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-intimat Mario Borg safejn jitratta l-eredita' tal-mejjet Vincenzo Borg.

**<u>It-tielet eccezzjoni tal-intimat Mario Borg:</u>**

Illi permezz tat-tielet eccezzjoni tieghu l-intimat Mario Borg eccepixxa li kemm-il darba l-Qorti thoss li m'ghandhiex tilqa' l-ewwel zewg eccezzjonijiet tieghu, xorta wahda m'hemmx lok li ssir r-riduzzjoni mitluba mir-rikorrenti fir-raba' talba taghha u dan ghar-ragunijiet li jirrizultaw tul is-smiegh tal-kawza.

Illi l-Qorti tirrileva li r-riduzzjoni tal-legati kellha biss issir fl-eventwalita' li kien hemm xi sehem riservat dovut u fil-kaz li t-testaturi kienu ddisponew aktar minn dak li kien hemm disponibbli. Illi ladarba rrizulta li m'hemm l-ebda porzjon riservat dovuta lir-rikorrenti m'hemmx bzonn li ssir tali riduzzjoni u

ghaldaqstant il-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa' t-tielet eccezzjoni tal-intimat Mario Borg billi m'hemmx lok li ssir ir-riduzzjoni mitluba mir-rikorrenti.

**<u>Kunsiderazzjonijiet fuq il-hames u s-sitt talbiet atturi – pjan ta' qasma u divizjoni ta' l-eredita' tad-decujus Vincenzo u Rosaria sive Lucy Borg:</u>**

Illi fil-hames u s-sitt talbiet ir-rikorrenti Jacqueline Fenech talbet li l-Qorti tfassal pjan ta' qasma tal-eredita' tad-decujus Vincenzo Borg u martu Rosaria sive Lucy Borg u li tordna d-divizjoni tal-eredita' tal-imsemmija decujus.

Illi f'dan l-istadju l-Qorti ser tghaddi sabiex tistabbilixxi x'inhuma l-assi kemm mobbli u mmobbli tad-decujus. Dawn huma s-segwenti:

<u>Kont bankarju:</u>

1. Kont bankarju fil-Bank of Valletta p.l.c. fuq isem Vincent Borg bin-numru tal-kont 10754604014 li sa Settembru 2017 kellu bilanc ta' €2,525.12 (ara statements a fol. 154 et seq tal-process).

Illi dan l-ammont jew kwalunkwe ammont iehor li jirrizulta fid-data tal-qsim ghandu jigi diviz bejn iz-zewg partijiet ahwa Borg fi kwoti ndaqs bejniethom.

<u>Immobbli:</u>

2. Garaxx ta' zewg karozzi bin-numru 61 gja 18a fi Triq Bordin, Msida bl-arja mieghu li l-Perit Charles Buhagiar fir-rapport

tieghu a fol. 227 et seq tal-process ta bhala valur fl-intier tieghu l-ammont ta' €35,000.

3. Garaxx ta' erbgha karozzi bin-numru 63 gja 19 fi Triq Bordin, Msida li huwa licenzjat biex jopera 'sprayer' bl-arja mieghu li l-Perit Charles Buhagiar fir-rapport tieghu a fol. 227 et seq tal-process ta bhala valur fl-intier tieghu l-ammont ta' €115,000.

Illi fir-rigward l-immobbli ndikati fil-paragrafi precedenti huwa car li dawn m'humiex komodament divizibbli bla xkiel u bla hsara, u lanqas m'huwa possibbli li ssir xi forma ta' tpattija b'beni ohra in komun ta' xorta differenti izda tal-istess valur. Ghalhekk fic-cirkostanzi l-Qorti m'ghandhiex ghazla hlief li tordna l-bejgh bil-licitazzjoni kif ser jigi ndikat fil-paragrafi segwenti ai termini tal-Artikolu 515 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi dwar il-fond bin-numru 61 fi Triq Bordin, Msida fl-atti ma jidhirx li hemm xi fattur li jzomm milli jsir il-bejgh bil-licitazzjoni tieghu billi minn qari tat-testment tad-decujus konjugi Borg jidher li l-prelegat indikat fit-Tmien Artikolu tat-testment tad-9 ta' Awwissu, 1999 (fol. 6) huwa mpost biss fuq il-fond bin-numru 63 fi Triq Bordin, Msida u mhux ukoll fuq dan il-fond. Ghalhekk fic-cirkostanzi l-Qorti ser tghaddi sabiex tordna l-bejgh bil-licitazzjoni tieghu ai termini tal-imsemmi artikolu.

Illi mill-banda l-ohra mhux l-istess jista jinghad dwar il-fond bin-numru 63 fi Triq Bordin, Msida billi dan il-garaxx huwa suggett ghall-prelegat stipulat fit-Tmien Artikolu tat-testment *unica charta* tal-mejta Vincenzo u Rosaria sive Lucy konjugi Borg datat 9 ta' Awwissu, 1999 fl-atti tan-Nutar Nathalie Pace Asciak (fol. 6). It-Tmien Artikolu tat-testment imsemmi jiddisponi illi:

‘ It-Tmien Artikolu

It-testaturi qeghdin ihallu b’titolu ta’ prelegat konsegwibbli wara l-mewt ta’ wiehed mit-testaturi, lil binhom, Mario in-negozju u avvjament ta’ sprayer maghruf bhala “Borg Brothers”, fi Triq Bordin, Imsida. It-testaturi qeghdin ihallu dan il-prelegat lil binhom, Mario bil-patt u l-kundizzjoni illi binhom ikun obbligat li jhallas is-somma ta’ mitejn u erbghin lira Maltin (Lm 240) fis-sena tul hajjet is-superstiti fost it-testaturi. Wara li jigi nieqes l-ahhar wiehed fost it-testaturi, binhom, Mario jkun obbligat li jhallas l-istess somma lil ohtu, Jacqueline Fenech. Dan l-obbligu jibqa’ isseh sakemm in-negozju fuq imsemmi jibqa’ gestit minn binhom, Mario.

It-testaturi jordnaw illi malli Mario jispicca minn dak in-negozju, il-garaxx ghandu jinbiegh u r-rikavat jinqasam bejn iz-zewg eredi taht imsemmija.’.

Il-Qorti tqis li jekk kellu jitqieghed dan il-fond bin-numru 63 fi Triq Bordin, Msida ghall-bejgh bil-licitazzjoni l-partijiet ser isoffru billi l-immobbli ser jinbiegh kif suggett ghall-kundizzjoni kontenuta fil-prelegat. Ghalhekk certament il-valur tal-fond mhux ser ikun jirrifletti l-valur reali tieghu. Dan apparti l-fatt li certament il-fond jinbiegh b’valur irrizorju billi mhux facli li terzi jidhlu ghal fond kif soggett ghall-imsemmi prelegat. Ghalhekk il-Qorti tqis li dan il-fond m’ghandux jitpogga ghall-bejgh bil-licitazzjoni pero’ ghandu jibqa’ mizmum in komun bejn il-partijiet f’ishma ndaqs bejniethom sa dakinhar li jispiccaw l-effetti tal-prelegat kif ordnat bit-testment tad-9 ta’ Awwissu, 1999 fl-atti tan-

Nutar Nathalie Pace Axiaq (fol. 9).

Illi l-Qorti tinnota li r-rapport tal-Perit Charles Buhagiar a fol. 227 et seq tal-process sar fuq inkarigu taz-zewg partijiet u huwa datat 20 ta' Jannar, 2016. Huwa car illi l-istejjem hemm prodotti jirriflettu proprju s-sena 2016 u ghalhekk m'hemmx dubju li ma jirriflettux l-valur tal-immobbli tallum. Fil-fehma tal-Qorti fl-ahjar interess taz-zewg partijiet ghandha tinghata valutazzjoni gdida tal-immobbli bin-numru 61 fi Triq Bordin, Msida li tkun tirrifletti s-suq prezenti. Ghaldaqstant il-Qorti ser tghaddi sabiex tordna li fl-atti tas-subbasta jigi mqabbad il-Perit Joseph Grech sabiex jaghti valur lill-immobbli fuq deskritt bin-numru 61 fi Triq Bordin, Msida u sussegwentement l-immobbli jghaddi sabiex jinbiegh bil-licitazzjoni b'dak il-valur indikat u ai termini tal-ligi.

Illi l-Qorti tqis ukoll illi fic-cirkostanzi, fl-ahjar interess tal-partijiet kollha illi fil-bejgh bil-licitazzjoni ghandha tigi awtorizzata l-partecipazzjoni ta' oblaturi estranei, anke ghaliex tali partecipazzjoni hija mposta mill-ligi fl-Artikolu 521 sub-artikolu 2 tal-Kodici Civili li jaqra kif isegwi:

> '(2) Fil-każijiet kollha, il-barranin għandhom jiġu mistednin biex joffru.'.

Illi wara li jsir il-bejgh bil-licitazzjoni tal-immobbli surfiferiti r-rikavat minn tali bejgh ghandu jigi spartit f'zewg porzjonijiet ugwali bejn il-partijiet.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti l-Qorti taqta' w'tiddeciedi l-kawza odjerna kif isegwi:

1. Tilqa' limitatament l-ewwel eccezzjoni tal-intimat Mario Borg u dan safejn jitratta s-sehem riservat fuq l-eredita' tal-mejta Rosaria sive Lucy Borg u tichadha fil-kumplament hekk kif spjegat fuq;

2. Tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-intimat Mario Borg u dan safejn jitratta s-sehem riservat fuq l-eredita' tal-mejjet Vincenzo Borg;

3. Tilqa' t-tielet eccezzjoni tal-intimat Mario Borg billi m'hemmx lok li ssir ir-riduzzjoni mitluba mir-rikorrenti;

4. Tichad il-kumplament tal-eccezzjonijiet safejn huma inkompatibbli ma' dak fuq deciz;

5. Tilqa' l-ewwel talba u tiddetermina l-konsistenza tal-massa ereditarja tad-decujus Vincenzo Borg u Rosaria sive Lucy Borg xebba Abdilla hekk kif indikat fis-sezzjoni '<u>**Kunsiderazzjonijiet fuq il-hames u s-sitt talbiet atturi – pjan ta' qasma u divizjoni ta' l-eredita' tad-decujus Vincenzo u Rosaria sive Lucy Borg:**</u>';

6. Tichad it-tieni, t-tielet u r-raba' talba billi m'hemm l-ebda sehem riservat dovut lill-partijiet u ghalhekk m'hemmx bzonn li ssir riduzzjoni tal-legati mhollija mid-decujus u dan ghar-ragunijiet indikati suespost;

7. Tilqa' l-hames talba u tfassal l-pjan ta' qasma tal-eredita' tad-decujus Vincenzo Borg u Rosaria sive Lucy Borg xebba Abdilla hekk kif indikat fis-sezzjoni '<u>**Kunsiderazzjonijiet**</u>

**fuq il-hames u s-sitt talbiet atturi – pjan ta' qasma u divizjoni ta' l-eredita' tad-decujus Vincenzo u Rosaria sive Lucy Borg:'**;

8. Tilqa' limitatament is-sitt talba in kwantu tiddiviedi l-eredita' tad-decujus Vincenzo Borg u Rosaria sive Lucy Borg xebba Abdilla bil-mod kif isegwi:

    i. Tiddiviedi f'zewg porzjonijiet bejn il-partijiet f'ishma ugwali skont it-testment u l-ligi u dan kif indikat fis-sezzjoni '**Kunsiderazzjonijiet fuq il-hames u s-sitt talbiet atturi – pjan ta' qasma u divizjoni ta' l-eredita' tad-decujus Vincenzo u Rosaria sive Lucy Borg:**' fis-sezzjoni ndikata bhala 'Mobbli:' b'dan li kull parti ghandha tiehu s-somma ta' elf, mitejn u tnejn u sittin Ewro u sitta u hamsin centezmu (€1,262.56) jew kwalunque ammont iehor li jirrizulta fid-data tal-qsim;

    ii. Fir-rigward tal-immobbli stante li l-beni mmobiljarji formanti parti mill-assi ereditarji tad-decujus indikati fis-sezzjoni '**Kunsiderazzjonijiet fuq il-hames u s-sitt talbiet atturi – pjan ta' qasma u divizjoni ta' l-eredita' tad-decujus Vincenzo u Rosaria sive Lucy Borg:**' fis-sezzjoni ndikata bhala 'Immobbli:' m'humiex komodamament divizibbli, tordna l-bejgh bil-licitazzjoni unikament tal-proprjeta' mmobbli bin-numru 61 fi Triq Bordin, Msida u dan wara li jigi stabbilit il-valur fis-suq billi l-Qorti qieghda minn issa tinnomina lill-Perit Joseph Grech sabiex jistabbilixxi l-valur tal-immobbli fis-suq u bl-ammissjoni ta' oblaturi estranei u wara l-bejgh bil-licitazzjoni tordna li r-

rikavat mill-imsemmi bejgh jinqasam f'ishma indaqs bejn il-kontendenti.

Fir-rigward il-proprjeta' l-ohra ndikati fis-sezzjoni '**Kunsiderazzjonijiet fuq il-hames u s-sitt talbiet atturi – pjan ta' qasma u divizjoni ta' l-eredita' tad-decujus Vincenzo u Rosaria sive Lucy Borg:**' din ghandha tinzamm in komproprjeta' ghar-ragunijiet indikati fl-istess sezzjoni.

Bl-ispejjez kollha ghandhom ikunu sopportati nofs bin-nofs bejn il-partjiet.

Tordna komunika tad-decizjoni lill-Perit Joseph Grech fil-mument li din id-decizjoni ssir gudikat.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**28 ta' Novembru, 2024**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**28 ta' Novembru, 2024**